

Brussell, 17 ta' Diċembru 2020  
(OR. en)

14177/20

---

---

**Fajl Interistituzzjonali:  
2020/0036(COD)**

---

---

**CLIMA 360  
ENV 824  
ENER 506  
CODEC 1378**

**NOTA**

---

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kunsill
Nru. dok. preċ.: 14004/20	
Nru dok. Cion:	6547/20; 10868/20
Suġġett:	Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi l-qafas biex tinkiseb in-newtralità klimatika u li jemenda r-Regolament (UE) 2018/1999 (il-Liġi Ewropea dwar il-Klima) - Approċċ Ġenerali = Suġġeriment ta' kompromess tal-Presidenza

---

Id-delegazzjonijiet isibu fl-Anness suġġeriment ta' kompromess addizzjonali għall-premessa 17 tad-dokument 14004/20, kif imressaq mill-Presidenza bil-ħsieb tad-diskussjoni dwar il-proposta msemmija hawn fuq fil-Kunsill (Ambjent) fis-17 ta' Diċembru 2020.

17. (...) Fid-dawl tal-objettiv tan-newtralità klimatika għall-2050, sal-2030 l-emissjonijiet ta' gassijiet serra jenħtieġ li jitnaqqsu u l-assorbimenti jiżdiedu, sabiex l-emissjonijiet netti ta' gassijiet serra, jiġifieri l-emissjonijiet wara t-tnaqqis tal-assorbimenti, jitnaqqsu fl-ekonomija kollha u fuq livell domestiku b'mill-inqas 55 % sal-2030 meta mqabbla mal-livelli tal-1990. Il-Kunsill Ewropew approva din il-mira fil-konklużjonijiet tiegħu tal-10/11 ta' Diċembru 2020. **Huwa pprovda wkoll gwida dwar l-implimentazzjoni tagħha.** Din il-mira klimatika l-ġdida tal-Unjoni għall-2030 hija mira sussegwenti għall-finijiet tal-punt (11) tal-Artikolu 2 tar-Regolament (UE) 2018/1999, u għaldaqstant tissostitwixxi l-mira tal-2030 għall-Unjoni kollha għall-emissjonijiet ta' gassijiet serra stabbilita f'dak il-punt (...).

---